**14 ta' Jannar, 1964**

**Imhallef:**

**Onor. A. Gauci Maistre, LL.D.**

**Joseph Zammit**

*versus*

**Spiridione L. Mizzi noe.**

**Preskrizzjoni — Actio Redhibitoria u Actio Aestimatoria**

*Il-kompratur fista jitlob is-sostituzzjoni ta' parti integrali ta' oġġett mibjugh.*

Il-Qorti, rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-attur — wara li ppremetta illi fis-sena 1958 l-attur xtara minn ghand id-ditta

konvenuta karrozza ġdida, Morris Minor 4 door saloon (chassis No. F.A.A. 2/614643); u li proprju dan l-aħħar l-attur induna li l-"bores" tal-magna kienu miksija b'"liners" barranin — dak li jindika li l-magna ħarġet mill-fabbrika jew minn għand il-venditur b'irregularitajiet u kwindi l-istess magna ma kinitx tal-kwalità pattwita peress illi l-magna, l-istess bħal karozza u bħal kull magna oħra f'karozza ġdida kellha tkun għal kollox ġdida u mingħajr ebda irregularità — talab li l-konvenut nomine jiġi kkundannat jissostitwixxi l-magna msemmija b'magna ġdida (salv talvolta l-ħlas li għandu jiġi likwidat minn din il-Qorti — da parti ta' l-attur tad-deperiment li kien jagħmel bl-użu ta' magna ġdida mill-jum tal-bejgħ sal-lum tal-kambjament) u, in difett jiġi kkundannat jirrifondi lilu bl-interessi kummerċjali mid-data tal-bejgħ id-differenza fil-valur tal-magna likwidabbli wkoll minn dina l-Qorti okkorrendo b'opera ta' perit nominand.

Bl-ispejjeż;

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li biha

(1) irtira l-eċċezzjoni tiegħu tal-preskrizzjoni bażata fuq l-artikolu 1481 (1) tal-Kodiċi Ċivili; u eċċepixxa

(2) Illi l-azzjoni tal-attur tinsab preskritta bl-egħluq ta' sentejn għat-terminu tal-Artikolu 1457 (1) tal-Kodiċi Ċivili;

(3) Illi f'kwalunkwe każ l-azzjoni li tikkompeti lill-attur hija dik tar-rexxissjoni tal-kuntratt tal-bejgħ tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju, 1958 u ma jkunx jista' jitlob is-sostituzzjoni ta' parti integrali tal-oġġett mibjugħ jew jirrixxendi parti mill-kuntratt (Dok A):

(4) Illi kif ngħad il-karozza mibjugħa mill-attur ma

kelliex difetti;

*Semgħat ix-xhieda prodotti minn l-attur;*

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tat-tnax (12) ta' Diċembru, 1963, li bih il-konvenut permezz tad-difensur tiegħu talab deċiżjoni fuq l-eċċezzjonijiet ulterjuri mogħtija fil-ħmistax (15) ta' Novembru, 1963 (fol. 15) u fuq imsemmija;

Semgħat id-difensuri tal-partijiet;

Tikkunsidra illi mill-provi rriżulta illi l-attur fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju, 1958, xtara l-karozza Morris indikata fiċ-ċitazzjoni (fol. 16) li ġiet konsenjata lilu appena waslet Malta. F'April, 1963 l-attur ħa l-car għand l-mechanic tiegħu għar-refit tal-magna u meta l-mechanic żarma l-magna sab is-sleeves fiċ-ċilindri, ħaġa li normalment ma jsibx f'karozzi ordinarji u li mill-ittra tal-fabbrika Morris stess (fol. 6) jirriżulta illi dan ġie li jsir mħabba xi irregularità fil-bores tal-magna.

L-attur qegħed jitlob is-sostituzzjoni tal-magna tiegħu b'magna oħra ġdida (salvo talvolta l-ħlas da parti tal-attur tad-deperiment li kien jagħmel bl-użu ta' magna ġdida mill-jum tal-bejgħ sal-jum tal-kambjament u in difett irrifużjoni mid-data tal-bejgħ tad-differenza fil-valur tal-magna;

L-eċċezzjonijiet li l-konvenut qiegħed jitlob illi jiġu deċiżi qabel ma titkompla t-trattazzjoni fil-meritu huma tnejn:

L-ewwel waħda: illi l-azzjoni hija preskritta bl-egħluq tas-sentejn għat-terminu tal-artikolu 1457 (1) tal-Kodiċi Ċivili:

Fil-fehma tal-Qorti din l-eċċezzjoni m'hix sostenibbli. Kif

huwa risaput il-venditur għandu tliet obbligi:

(1) Li jikkonsenja l-ħaġa mibjugħa.

(2) *Illi jagħmel tajjeb għall-paċifiku possess tal-ħaġa* mibjugħa.

(3) U *għad-difetti li ma jidhrux;*

L-artikolu 1457 jittratta fuq l-azzjonijiet nascenti milli-obbligu tal-garanzija: l-azzjoni nascenti minn żewġ obbligi l-oħra huma regulati separatament taħt il-kapitoli tal-garanzija jew tal-paċifiku possess jew tal-vizju redibitorju. Għalhekk il-preskrizzjoni ta' sentejn kontemplata fl-artikolu 1457 m'hiex applikabbli għall-każ, u del resto la darba l-konvenut stess fin-nota tiegħu *kompla jgħid illi* l-azzjoni illi tista' tikkompeti lill-attur hija dik tar-rescixxjoni mħabba vizju redibitorju huwa stess irrikonoxxa illi din id-dispożizzjoni tal-art. 1451 m'hix applikabbli għall-każ tal-attur;

*It-tieni eċċezzjoni, ċioè illi l-attur ma jistax jitlob is-sostituzzjoni* ta' parti integrali tal-oġġett mibjugħ jew jirrixendi parti mill-kuntratt. Il-kwistjoni sollevata tippreżenta ċerta diffikultà, però tista' tiġi riżoluta permezz anke tad-dottrina in materja. Il-liġi f'każ ta' vizju redibitorju tagħti lill-kompratur żewġ azzjonijiet, actio redibitoria u l-actio aestimatoria ossia quanto *minoris dan hu dritt insindakabbli tiegħu u jista' jagħżel l-ewwel rimedju u jirripudja l-kuntratt, jew jagħżel it-tieni* u jitlob lura biċċa biss mill-prezz. Huwa evidenti li f'din il-kawża l-attur m'hux qiegħed jirripudja l-kuntratt; hu għażel l-iktar triq favorevoli għall-konvenut u qiegħed jitlob il-ħlas tad-differenza fil-valur tal-magna fil-każ illi l-konvenut m'itiehx magna ġdida bla difett. Din sostanzjalment hija l-actio quanto minoris ossia aestimatoria u la darba m'hux qiegħed jirrixxendi l-att, inqas u inqas ma jista' jingħad kif sostna l-konvenut illi l-attur qiegħed jirrixendi parti minnu. Il-

konvenut evidentement kien qiegħed jibbaża din l-eċċezzjoni fuq id-dispost tal-art. 1478 (1) però dan jirrigwarda biss l-azzjoni redibitorja u mhux l-estimatorja li tidher li hija intentata mill-attur;

Tibqa' però dejjem il-kwistjoni jekk l-attur jistax jitlob issostituzzjoni ta' parti integrali ta' oġġett mibjugħ. L-awturi jipprospettaw l-każ jekk il-kumpratur jistax jitlob it-tiswija taloġġett minflok jirrexxindi l-kuntratt tal-vendita, u għalkemm m'humiex għal kollox konkordi, jidher illi r-risposta hija sostanzjalment affermattiva. Fil-Baudry Lacentinerie volum "Della Vendità e della Permuta" No. 434 paġina 465 insibu: "In logo delle due azzioni date al compratore dall'articolo 1649, non potrebbe questo, se è possibile riparare la cosa, domandarne semplicemente la riparazione? Noi lo crediamo. E' una conseguenza dai principi generali che obbligano il venditore a garantire al compratore il pacifico godimento della cosa venduta. L'articolo 1644, promettendo al compratore di domandare la risoluzione del contratto, o semplicemente una dimunizione del prezzo, non gli toglie la facoltà che risulta dal diritto comune". U Laurent Diritto Civile Vol. 24, no. 291 igħid: "Il compratore che chiede la riduzione del prezzo vuole mantenere la vendita. E' questo il suo diritto. Non può egli, invece d'una riduzione del prezzo, domandare che il venditore sia tenuto a rifarsi i vizi ed i difetti? La Corte di Parigi ha giudicato l'affermativa. La cosa ci pare dubbia. Per principio il compratore non ha alcuna cizione contro il venditore per difetti della cosa, salvo quindi questi difetti costituiscono vizi redibitori, e la legge determina quali siano gli effetti di questi vizi. Il compratore non ha dunque altro diritto che quello che la legge riconosce, e la legge non gli da la facultà di esigere delle riparazioni": Però jkompli jgħid: "Non insistiamo su questa critica perchè è puramente teorica. Avendo il compratore diritto di domandare la risoluzione della vendità, il venditore consentirà il più delle volte a fare la riparazione se il compratore vuole contentarsene, perchè tutto è l'interesse del venditore".

Issa fil-każ tal-attur huwa ma jistax jitlob riparazzjoni tal-magna, imma s-sostituzzjoni tagħha: dan huwa l-inqas li jista' jitlob fl-interess tal-istess venditur: seta' talab ir-rexissjoni tal-kuntratt u jitlob il-flus lura, li ħallas għal motor car kollu imma huwa ma jridx iwaqqa' l-vendita u għalhekk irid biss id-differenza tal-prezz tal-magna jekk il-konvenut ma iridx jibdlilha biss il-magna, anzi l-attur iddikjara illi huwa pront biex iħallas għad-deprezzament tal-magna in kwistjoni: biex dejjem ma jaggravax lill-konvenut;

Il-Qorti għaldaqshekk tiċħad dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut bl-ispejjeż kontra tiegħu, u tordna illi titkompla t-trattazzjoni tal-kawża fil-meritu tagħha.